A.L. 352 tal-2009

ATT DWAR L-I*SPORTS*
(KAP. 455)

Ordni tal-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport*
(Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Ordni Nru. 21)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*, il-President ta' Malta għamel l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2009 dwar il-Kunsill Malti għall-I*sport* (Trasferiment ta' Proprjetà Assenjata) (Ordni Nru. 21).

Proprjetà assenjata.

2. Il-proprjetà deskritta fl-artikolu 4 ta' dan l-Ordni hi b'dan assenjata għall-finijiet tat-tgawdija, pussess, użu u amministrazzjoni tad-drittijiet u obbligazzjonijiet li jappartjenu għal dik il-proprjetà assenjata skond l-artikolu 16 ta' l-Att dwar l-I*sports*.

Jum stabbilit.

3. Il-proprjetà assenjata fl-artikolu 2 ta' dan l-Ordni għandha tigi trasferita u tkun vestita fil-Kunsill Malti għall-I*sport* kif provdut fl-imsemmi artikolu b'seħħ mill-1 ta' Jannar 2009.

Deskrizzoni ta' proprjetà assenjata.

4. Il-proprjetà msemmija fl-artikolu 2 ta' dan l-ordni hi din li ġejja, jiġifieri:

Ħames siti f'Santa Luċija:

Sit B (Tenement Nru. E21026) tal-kejl ta' madwar 145 metru kwadru li jmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma' proprjetà tal-Gvern u mil-Lvant ma' proprjetà miżmuma b'ċens temporanju minn Santa Luċija F.C.;


Sit Ċ (Tenement Nru. E21027) tal-kejl ta' madwar 49 metru kwadru li jmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u minn Nofsinhar ma' proprjetà miżmuma b'ċens temporanju minn Santa Luċija F.C.;

Sit D (Tenement Nru. E21028) tal-kejl ta' madwar 205 metru kwadru li jmiss mit-Tramuntana u mil-Lvant ma' proprjetà tal-Gvern u mill-Punent ma' proprjetà miżmuma b'ċens temporanju minn Santa Luċija F.C.;

Sit E (Tenement Nru. E21029) tal-kejl ta' madwar 591 metru kwadru li jmiss minn Nofsinhar, mil-Lvant u mil-Lbiċ ma' proprjetà tal-Gvern; u

Sit F (Tenement Nru. E21030) tal-kejl ta' madwar 45 metru kwadru li jinsab f'livell taħt l-art.

Is-Siti B sa E huma indikati bl-aħmar u s-Sit F huwa indikat bl-aħmar u bil-linji mimduda koħol fuq il-pjanta P.D.127_97_A.


Football Ground
SANTA LUCIJA
Site A
Site B
Site C
Site D
Site E
Site F
SANTA LUCIJA
FOOTBALL PITCH
TREJQET IL-GIRASOL
TRIQ IL-BEGONJA
TREJQET IL-WARD
TREJQET IL-BRANDI
TREJQET IL-LIEONA
TREJQET IL-BIZZIMIN
10 0 10 20 30 40 50 60 70 80 90 100 150m
Scale 1:1000
Site Plan
S.S. 5469
Scale 1:2500
Map Ref. 55473 69222
Designated Property managed by Kunsill Malti ghall-iSport as per Sports Act (Chap. 455) Act XXVI of 2002
Site A Property No.: 78526 Area: 8,250m²
Property to be transferred to Kunsill Malti ghall-iSport.
Site B Property No.: E21026 Area: 145m²
Site C Property No.: E21027 Area: 49m²
Site D Property No.: E21028 Area: 205m²
Site E Property No.: E21029 Area: 591m²
Site F Property No.: E21030 - Underground Level Only Area: 45m²
GOVERNMENT PROPERTY DIVISION
ESTATE MANAGEMENT DEPARTMENT
LOCALITY: SANTA LUCIJA
P.D. No: 127_97_A
SCALE 1:1000
FILE: L 378/97
DRAWN BY: SCOTS001
CHECKED BY:
(sgd. S. Scotto)
A&CE
DATE: 26/06/2009
(sgd. A. Mifsud)
Assistant Director Property
DATE: 26/06/2009
CHECKED ON SITE - APRIL 2009

B 3931